## 29 ta' Ottubru, 1956

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Nutar Dr. Paul Pullicino

*versus*

Professur Dr. Anthony Mamo, O.B.E., LL.D. ne

## Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili — Taxxa tal-Boll — Soċjetà — Ċessjoni

*Sakemm teżisti s-soċjetà, is-soċju singolu mhuwiex proprjetarju tal-beni li jiffurmaw l-attiv soċjali; imma proprjetarja hija s-soċjetà, u s-soċju, in pendenza tas-soċjetà, għandu biss dritt "ad paecunium". U sakemm tipperdura s-soċjetà, is-soċju ma jistax ibiegħ parti minn dak l-attiv li tikkorrispondi għall-kwota tiegħu, imma jista' biss iċedi l-interess tiegħu. Lanqas jista' jittrasferixxi l-oġġetti singoli li jidħlu fl-attiv soċjali; u lanqas jista' jgħid liema huma l-oġġetti singoli li huwa jrid jittrasferixxi jew iċedi, ladarba ma tkunx ġiet xjolta s-soċjetà.*

*Għaldaqstant, fil-każ li wieħed mis-soċji jċedi kwalunkwe dritt u nteress li huwa għandu fis-soċjetà, il-boll "ad valorem" dovut fuq dak it-trasferiment għandu jiġi kalkulat fuq il-prezz kollu taċ-ċessjoni, u mhux skond id-diversa natura tal-oġġetti komponenti l-kwota taċ-ċedent.*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Nutar Dr. Paul Pullicino, li biħ espona illi b'sentenza tat-22 ta' Marzu, 1956 il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili għall-Gżira ta' Malta kkundannat lill-esponent għall-ħlas ta' penali ta' £2, u tagħtu ħmistax-il ġurnata żmien biex iħallas il-boll addizzjonali ta' £97, illi l-istess Qorti rriteniet li kien defiċjenti, fuq il-kuntratt minnu riċevut fit-2 ta' Frar 1955, li biħ Carmelo Delia biegħ u ttrasferixxa lill-uliedu Alfredo u Carmelo Delia, recte Giuseppe, Alfred u Carmelo Delia, kwalunkwe dritt u nteress illi kellu fis-soċjetà "Carmelo

Delia (1890) & Sons" bil-prezz ta' £22,155.9.10, recte £22,055.9.10, u dana billi, waqt illi l-esponent, għall-finijiet tal-boll, iddistingwa bejn il-valur ta' avvjament u dak ta' krediti, u dak ta' effetti mobili u "stock" appartenenti lill-azjenda, dik il-Qorti rriteniet illi l-boll "ad valorem" għandu jitħallas fuq il-prezz kollu ta' din iċ-ċessjoni, ċjoè fuq £22,055.9.10, skond l-inċiżi (1) u (2) tal-art. 57 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1918 (Kap. 68);

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni, u dan għar-raġuni illi l-interess li jkollu soċju fis-soċjetà mhux "nomen juris", bħal ma hija, per eżempju, l-eredità, imma jimmedeżima ruħu ma' dawk il-beni u effetti li huwa jkollu fis-soċjetà, mhux unità li tittraxxendi dawk il-beni u effetti, imma aggregat tagħhom, li jibqgħu distinti minn xulxin, u għalhekk sewwa għamlu l-partijiet, u sewwa għamel in-Nutar illi ddistingwihom minn xulxin, u stabbilew il-valur tagħhom rispettivament, għall-fini tal-boll, u dana skond l-użu kostanti fl-attijiet notarili f'każi simili;

U talab li l-imsemmija deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 1956 tiġi revokata u li jiġi liberat; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

B'kuntratt tat-2 ta' Frar 1955 in atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino, fol. 8, Carmelo Delia ċeda lit-tliet uliedu "kwalunkwe dritt u nteress li huwa għandu fis-soċjetà fuq imsemmija "Carmelo Delia (1890) & Sons";

L-appellant jippretendi li d-dritt tal-boll għandu jiġi kalkulat mhux fuq il-prezz kollu taċ-ċessjoni, ċjoè £22,055.9.10, "ut sic", imma għandu jiġi regolat "skond in-natura tad-diversi oġġetti komponenti l-kwota taċ-ċedent Carmelo Delia";

Din il-pretensjoni hi bla bażi; għaliex hu prinċipju, rikonoxxut mill-kważi unanimità tal-iskritturi, "malgrado", kif igħid il-Professur Marghieri (Cod. Comm. Comm. Bolaf. e Viv. Vol. IV, p. 94), "la solitaria opinione di qualche scrittore", illi, sakemm is-soċjetà teżisti, is-soċju

singolu ma hux proprjetarju tal-beni li jiffurmaw l-attiv soċjali, imma proprjetarja hija s-soċjetà (ara anki Vidari, Compendio Diritto Comm. p. 55; Supino, Istituzioni di Diritto Commerciale, p. 142; u Prof. Giorgio Loris, Elem. Diritto Comm. p. 50), u s-soċji, in pendenza tas-soċjetà, għandhom biss dritt "ad paecuniam". Għalhekk, igħid il-Marcadè, Vol. IV. Ediz. 1873, paġ. 54, li sakemm tipperdura s-soċjetà, is-soċju ma jistgħax ibiegħ parti tal-attiv li tikkorrispondi għall-kwota tiegħu, imma jista' jċedi biss l-interess tiegħu;

Tant hu hekk, illi l-liġi, fl-art. 352(a) Kap. 23 Ediz. Riv., tikkunsidra bħala mobili l-azzjoni jew interessi fis-soċjetajiet tal-kummerċ avvolja fihom ikun hemm immobili; dan, pero', limitatament, ċjoè fil-konfront tas soċju possessur ta' dik l-azzjoni jew dak l-interess, u biss sakemm tipperdura s-soċjetà. Minn dan jidher ċar li l-liġi qegħedha tagħmel distinzjoni bejn id-dritt mobiljari tas-soċju, li hu tali indipendentement minn natura, anki jekk immobiljari, tal-oġġett eżistenti fis-soċjetà, għax dan hu spettanza tal-enti soċjali, sakemm tipperdura s-soċjetà. Ma hemmx bżonn jingħad li l-kelma "interessi" adoperata mill-liġi fl-artikolu fuq imsemmi, qegħedha tirriferixxi appuntu għad-dritt tas-soċju fis-soċjetà "in nome collettivo", kif inhi appuntu dik preżenti. Infatti, fin-Notamenti tal-Imħallef Dr. Debono, riportati fil-Kommenti tal-Imħallef Dr. Cremona, art. 9 Ord. VII tal-1868, paġ. 27, jingħad, fuq l-awtorità tal-Pigeau, li l-kelma "interess" hi indikattiva tad-dritt tas-soċju fis-soċjetà "in nome collettivo";

Carmelo Delia, kwindi, lanqas seta' jittrasferixxi l-oġġetti singoli, u lanqas seta' jgħid liema huma l-oġġetti singoli li qiegħed iċedi, għaliex is-soċjetà ma ġietx xjolta, imma, kif jingħad espressament fl-att "de quo", qegħedha tkompli, u kwindi d-dritt tiegħu, " rebus sic stantibus", hu dritt "ad paecuniam", f'dan il-każ £22,055. 9. 10, li appuntu hu l-ammont intaxxat;

Del resto, il-Liġi tal-Boll ma tagħmel l-ebda distinzjoni bħal dik li jrid jagħmel l-appellant; u, kif osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha "Cauchi vs. Dr. Parnis nomine",

11 ta' Marzu, 1929, Vol. XXVII-I-300, ġa ladarba l-liġi ma għamlet ebda distinzjoni, "la distinzione dell'oggetto del diritto ceduto fatta dall'appellante per limitare l'applicabilità del citato Capo VII è arbitraria";

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.